MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## NADIA H. VELLA

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru. 649/2014

**Go p.l.c.**

**vs.**

**Rita Schembri K.I. 318263(M)**

It-Tribunal

Ra l-**Avviż tat-talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fl-10 ta' Settembru 2014, illi permezz tiegħu is-soċjeta′ attriċi talbet mingħand il-konvenuta il-ħlas tas-somma ta' elf, mitejn u ħamsa u ħamsin Ewro u ħmistax-il ċenteżmu (€1255.15) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' komunikazzjoni bl-akkont numru *A/C 40094977* mogħtija mis-soċjeta` attriċi lill-konvenuta.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuta ġiet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, hija ma kkontestax il-kawża fit-terminu

preskritt mil-liġi, iżda dehret għas-seduta miżmuma mit-Tribunal fit-13 ta’ Ottubru 2014.

Ra illi  l-konvenuta xehdet fis-seduta tat-13 ta’ Ottubru 2014, fejn hija ammettiet it-talba attriċi kif dedotta u kkonfermat li għandha tħallas lis-soċjeta′ attriċi s-somma ta’ elf, mitejn u ħamsa u ħamsin Ewro u ħmistax-il ċenteżmu (€1255.15).

Ra illi l-partijiet fl-istess seduta ftehmu illi l-ammont kollu dovut għandu jitħallas mill-konvenuta lis-soċjeta` attriċi f’pagamenti mensili ta’ mitt Ewro (€100) kull xahar, u li jekk il-konvenuta taqbeż xi pagament, hija titlef il-benefiċċju tat-terminu u l-ħlas ikun dovut minnufih.

It-Tribunal spjega lill-konvenuta l-effett tal-ammissjoni tagħha kif ukoll tal-ftehim milħuq bejn il-partijiet u ddifferixxa it-talba għas-sentenza għas-seduta odjerna.

**Deċide**

Għaldaqstant, fuq ammissjoni, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta tħallas lis-soċjeta` attriċi is-somma ta’ elf, mitejn u ħamsa u ħamsin Ewro u ħmistax-il ċenteżmu (€1255.15), liema somma għandha titħallas fl-ammont ta’ mitt Ewro (€100) kull xahar. Jekk il-konvenuta taqbeż xi pagament, hija titlef il-benefiċċju tat-terminu u l-ħlas ikun dovut minnufih. L-imgħax legali jiddekorri mid-data ta’ kwalsiasi pagament illi ma jsirx, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċċjali fl-ismijiet premessi ippreżentata fis-12 ta’ Mejju 2014 u numerata 877/14, huma a kariku tal-konvenuta.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------